MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 282/2014

**360 Food Imports (C46590)**

**Vs**

**Gesarell Formosa (ID 4927861M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz datat 28 t' April, 2014 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ppremetta illi:

Is-Socjeta' esponenti timporta u tbiegh lokalment merkanzija relatata mal-ikel u x-xorb;

Illi l-konvenut joppera hanut taht l-isem ta' J.H.E. Confectionary u ordna minghand is-Socjeta' esponenti numru ta' merkanzija;

Illi s-Socjeta' attrici kkonsenjat il-merkanzija kollha rikjesta u l-konvenut qatt ma oggezzjona dwar il-kwalita' jew il-kwantita' tal-merkanzija kkonsenjata u qatt ma oggezzjona ghall-invoices mahruga u dan hekk kif ser jigi ppruvata ahjar waqt it-Trattazzjoni;

Illi l-konvenut jinsab debitur lejn is-Socjeta' esponenti fl-ammont ta' tlett mija, sebgha u ghoxrin ewro u erbgha u tletin centezmu (€327.34c) rapprezentanti prezz ta' merkanzija ordnata, ikkonsenjata u accettata mill-konvenut.

Ghaldaqstant is-Socjeta' esponenti umilment titlob li dan l-Onorabbli Tribunal jghogbu:

1. Jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija, sebgha u ghoxrin ewro u erbgha u tletin centezmu (€327.34c) liema ammont huwa dovut ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet mis-16 ta' Novembru, 2012 sad-data tal-hlas effettiva kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Ra mill-atti illi l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-12 ta' Frar, 2015 mill-Avukat Dr Jonathan Abela u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur fl-ammont ta' ta' tlett mija, sebgha u ghoxrin ewro u erbgha u tletin centezmu (€327.34c), u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont kif mitlub fl-Avviz tat-talba.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------